

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp

2006/2018(BUD)

4.10.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2007
(2006/2018 (BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Jürgen Schröder

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Baġit, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni li se jadotta:

1. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-irwol ċentrali ta' l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp (l-MDGs) fil-politika ta' żvilupp ta' l-UE, speċjalment l-impenji sabiex sa l-2015 jitnaqqas in-numru ta' nies li jgħixu fil-faqar; jiddeplora, għalhekk, it-tnaqqis propost mil-livell ta' approprijazzjonijiet ta' l-2006 għall-Asja, fejn jgħixu l-parti l-kbira tal-foqra tad-dinja, u għall-azzjonijiet tematiċi marbuta mas-servizzi soċjali bażiċi;
2. Ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15-16 ta' Diċembru 2005 li mill-inqas 90% ta' l-għajjnuna esterna globali fi ħdan il-Qafas Finanzjarju 2007-2013 għandha tkun eliġibbli għall-klassifikazzjoni bħala Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp skond id-definizzjoni kurrenti stabbilita mill-Kumitat għall-Assistenza għall-Iżvilupp ta' l-OECD;
3. Jinsisti li s-simplifikazzjoni ta' l-istruttura tal-baġit fl-Intestatura 4 għall-perjodu 2007-2013 m'għandhiex tirriżulta f'xi telf ta' trasparenza jew li l-Parlament Ewropew ikollu anqas dritt fl-użu tar-riżorsi għall-politika ta' żvilupp, u li almenu l-livell ta' viżibilità ta' approprijazzjonijiet ġeografiċi u tematiċi għandu jibqa' l-istess bħal fil-baġit ta' l-2006; jitlob speċifikament għall-ilqugħ ta' l-objettivi u għat-tħollija ta' linji ta' baġit separati u setturi tematiċi li huma importanti għall-MDG's;
4. Jilqa' l-aċċettazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-'benchmarks' għall-infiq fl-iżvilupp li huma ta' 35% għall-infrastruttura soċjali, kif miftiehem mal-Parlament fl-2001, u ta' 20% għas-servizzi soċjali bażiċi kif miftiehem internazzjonalment; jitlob sabiex jitkompla d-djalogu interistituzzjonali dwar promozzjoni akbar ta' l-infiq għall-iżvilupp favur il-foqra.
5. Jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-iffaċilitar ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, peress li dawn huma ċentrali għall-iżvilupp ekonomiku u għall-impjegi u jikkontribwixxu għall-inizjattivi msejħa "għajjnuna għall-kummerċ"; ikompli jitlob għall-minimu ta' 10% ta' l-"Għajjnuna għall-Kummerċ" li jingħata lill-"Għajjnuna għal-Kummerċ Ġust"
6. Jisħaq il-ħtieġa sabiex jiġu pprovduti somom adegwati għat-18-il pajjiż ta' l-ACP affettwati mir-riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq (COM) taz-zokkor, li mill-anqas tfisser li m'għandux ikun hemm tnaqqis fis-somom ipprovduti fl-abbozz ta' baġit preliminari tal-Kummissjoni, u aktar minn hekk għandhom jiġu kkunsidrati il-ħtiġijiet reali tal-pajjiżi kkonċernati kif tfasslu fil-pjanijiet ta' azzjoni mressqa minnhom għall-Kummissjoni skond ir-Regolament (KE) Nru.266/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 li jstabilixxi miżuri li jakkumpanjaw il-pajjiżi tal-protokoll taz-zokkor affettwati mir-riforma tar-reġim taz-zokkor ta' l-UE¹;
7. Jitlob għal appoġġ akbar li għandu jingħata għall-immaniġġjar ta' l-ilma, u b' mod partikulari koperazzjoni bejn il-pajjiżi li għadhom qegħdin jiżviluppaw li jaqsmu l-ilma tul il-fruntieri, sabiex jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku u jgħinu sabiex jiġu evitati

¹ ĠU L 50, 21.2.2006, p. 1.

kwistjonijiet rigward l-ilma;

8. Jisħaq l-importanza li tingħata attenzjoni sħiħa fi ħdan il-koperazzjoni ta' żvilupp ta' l-UE għat-trażżin u l-adattazzjoni tal-bidla fil-klima, u jenfasizza l-ħtieġa għall-investimenti fl-enerġija sostenibbli – kemm l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-enerġija li tiġġedded - kif ukoll miżuri ta' adattazzjoni f'reġjuni b'riskju għoli għad-diżastri relatati mat-temp;
9. Jenfasizza li l-protezzjoni u r-riġenerazzjoni ta' sistemi ta' appoġġ għall-ħajja, bħalma huma l-ħamrija, ir-riżorsi forestali u tal-baħar, u l-immaniġġjar xieraq tar-riżorsi ta' l-ilma ħelu, huma komponent indispensabbli għat-tnaqqis tal-faqar; għaldaqstant jinsisti, li għandha tingħata prijorità kbira lil dawk l-oqsma tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea.

PROĊEDURA

Titolu	Abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsima III - il-Kummissjoni
Numru tal-proċedura	2006/2018(BUD)
Kumitat responsabbli	BUDG
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 26.9.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	

Rapporteur ta' opinjoni Data tal-ħatra	Jürgen Schröder 25.1.2006
Rapporteur ta' opinjoni preċedenti	
Eżami fil-kumitat	28.8.2006
Data ta' l-adozzjoni	3.10.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Alessandro Battilocchio, Margrietus van den Berg, Danutė Budreikaitė, Marie-Arlette Carlotti, Thierry Cornillet, Nirj Deva, Alexandra Dobolyi, Michael Gahler, Filip Andrzej Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Luisa Morgantini, José Javier Pomés Ruiz, Horst Posdorf, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Anna Záborská, Mauro Zani
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Milan Gaľa, Manolis Mavrommatis, Anne Van Lancker, Ralf Walter, Anders Wijkman, Gabriele Zimmer
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	...